MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 284/2006

**Five Effs Import Co. Ltd (C20485)**

**Vs**

**Burmarrad Commercials Ltd (C 13537)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ rikorrenti talbet sabiex dik intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li, prevja d-dikjarazzjoni li l-*gear box* mis-socjeta’ konvenuta mibjugha lis-socjeta’attrici kienet wahda difettuza u ghalhekk il-kuntratt ta’ bejgh ta’ tali gearbox u ghandu jigi dikjarat rexiss, tirrifondi lil istess socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm206.50) rapprezentanti l-prezz ta’l-imsemmija *gear box* (inkluz Lm31.50 VAT) lis-socjeta’ konvenuta imhallas mis-socjeta’ attrici u dana kif jirrizulta mill-fattura numru 58448 (Dok A).

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-imsemmi <u>Dok A</u> a fol 2 tal-atti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta ossija intimata (fol 9 u fol 12 tal-istess atti) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li l-'gearbox' kien difettuz u kwindi it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti ossija attrici (fol 15 et seq ibid) u li biha giet esebita kopja ta' cedola ta' depositu li permezz taghha l-imsemmija "gear box" giet depositata kif hemm specifikat.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet dwar l-ewwel (1) eccezzjoni (fol 45 u fol 47 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata ghall-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mis-socjeta' konvenuta a bazi tal-aritkolu 1431 tal-Kodici Civili, liema artikolujimponi it-terminu ta' <u>sitt (6) xhur</u> sabiex tkun tista' tigi intavolata azzjoni bhala dik in ezami, li hi l-hekk imsejjha "<u>action redhibitoria</u>" intiza sabiex jigi rexiss ftehim ta' bejgh ta' haga mobbli, bhal f'dan il-kaz, u sabiex jkun hemm refusjoni tal-prezz kollu mhallas mill-kompratur lill-venditur u dan in konnessjoni ma' difett mohbi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-fatti inesami, <u>Ronald Galea</u> (fol 32 u fol 41 et seq ibid) xehed illi s-socjeta' rikorrenti kienet xtrat,

minghand dik intimata 'gear box' u dan fi-16 ta' Frar 2006 u bl-iskop li titpogga fi trakk tal-istess socjeta rikorrenti. Fl-24 ta' Frar 2006, l-istess 'gear box' ittiehdet ghand il-'mechanic' inkarigat mis-socjeta sabiex titwahhal. Pero', meta gie kkontatat illi ma kienetx idonea u ma kienetx taqbel mat-'truck', l-istess makkinarju kien gie sostitwit b''gear box' ohra. Madwar gimghatejn wara is-26 ta' Frar 2006, ix-xhud spjega li gie skopert l-allegat difett u fil-15 ta' Marzu 2006, wara li 'truck' kien ittiehed lura ghand l-istess 'mechanic'. Sussegwentement hu kien ikkomunika ma Emanuel Gauci u dan kien qal lix-xhud sabiex it-'truck' w il-'gearbox' in kwistjoni jittiehdu ghand is-socjeta' konvenuta, kif filfatt gara fit-"… tnejn ta' wara' l-17 ta' Marzu 2006 li kienet gurnata tal-Gimgha. Hawnhekk ix-xhud qal illi l-istess Emanuel Gauci kien informah illi " …. All right ser nibdilielek" izda "… li kelli nistenna …" ghar-raguni msemmija fl-istess xhieda. Eventwalment "Madwar hmistax qabel ma ftahna din il-kawza", ix-xhud qal lill-istess Emanuel Gauci illi "… jien tlift il-pacenzja", Emanuel Gauci kien qallu "… aqla l-'gearbox' u gibieli" u "… li kien ser jerga jibdilhieli". Dan , pero', ma kienx sehh. Fil-kontro ezami, ix-xhud specifika illi fil-15 ta' Marzu 2006, hu kien sar jaf u kien gie stabbilit illi l-istess 'gearbox' kienet allegatament difettuza (ara ukoll ix-xhieda tal-'mechanic' Anthony Falzon a fol 24 u fol 25 ibid) kif ukoll ta' Pierre Galea bin ix-xhud precedenti, a fol 28 sa fol 30 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-istess eccezzjoni, xehed prodott mis-socjeta konvenuta Noel ossija Emanuel Gauci (fol 43 ibid) u dan qal illi "Wara li ghadda hafna zmien" ossija "…madwar xahrejn wara l-konsenja" is-socjeta' attrici kienet informatu dwar l-allegat difett. Inoltre "… xahar, xahar u nofs kien ghaddew, is-Sur Galea kien kellimni … fuq it-tieni 'gear box' izda "Jiena ma ghidlu l-ebda diskors …. Li ser tingiblu 'gear box' gdida … Ahna nbieghu affarijiet 'second hand' minghajr garanzija".

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta ssostni illi bhala, stat ta' fatt, l-allegat difett, kien evidenti u inkixef b'mod cert … fil-15 ta' Marzu 2006 "jekk mhux qabel" (ara fol 46 ibid) u, peress li din il-kawza giet intavolata fid-19 ta' Settembru 2006, kienu, di gja skadew is-sitt xhur hemm fuq imsemmija u dan bhala terminu perentorju ta' dekadenza.

Illi s-socjeta' attrici tikkontendi illi dak li ghadu kemm gie premess kien minnu fis-sens illi din l-azzjoni giet intavolata wara t-terminu msemmi. Pero, l-istess socjeta attrici ccitat gurisprudenza sabiex turi, skond hi, meta jibda jiddekorri t-terminu ta' dekadenza ta' sitt (6) xhur (ara fol 48 u fol 49 ibid). Dwar dan il-punt il-ligi, fl-artikolu 1431, tispecifika illi dan it-terminu jibda jiddekorri "… minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha". Izda fil-proviso sussegwenti jinghad ukoll illi l-istess terminu ma jibdiex jiddekorri hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li l-kompratur jikxef dak id-difett. Ta' min jissottolinea illi, matul iz-zmien, dan it-terminu kien gie estiz, mill-legislatur, sabiex jaghti l-opportunita lill-kompratur li jkun hemm trattativi bejnu w il-venditur sabiex jintlahaq xi forma ta'ftehim bejniethom qabel ma l-istess kompratur ikun kostrett li jintavola kawza bhal dik in esami minhabba t-terminu prefiss mill-ligi ghal din l-azzjoni.

Illi, f'dan il-kaz, anke tenut kont li l-istess terminu beda jiddekorri mill-kunsinna tat-tieni "gearbox' it-terminu in esami beda jiddekorri almenu mill-15 ta' Marzu 2006 cjoe meta l-allegat difett gie skopert mis-socjeta' attrici waqt li l-azzjoni in esami giet ippresentata fid-19 ta' Settembru 2006 cjoe sitt (6) xhur w erbat (4) ijiem mill-istess data msemmija. Ghalhekk, anke jekk ghal ftit granet, it-terminu perentorju ta' dekadenza sabiex issir kawza bhal din kein iddekorra.

Illi ghalhekk, ghandha tigi akkolta l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara li t-terminu ghall-presentata ta' din l-azzjoni kien skada. In rigward l-

ispejjes tenut kont tac-cirkostanzi kollha kif hawn fuq esposti, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------